# Il-Koranta

ta’ Oliver Friggieri

Nevisse Zammit Micallef u Sharon Scerri
Skola St Joseph, Blata l-Bajda



# Il-Ftuħ

Fil-bidu l-għalliema tistaqsi lill-istudenti

- biex isemmu xi aspetti li jdejjquhom fis-soċjetà Maltija.

*jew*

- biex jiddiskutu kif jaħsbuha fuq in-nisa li jibqgħu ma jiżżewġux sa 40 sena.

http://www.timesofmalta.com/articles/view/20090505/books/a-child-in-time.255660

**Nevisse Zammit Micallef – Sharon Scerri**

# It-Titlu

- It-titlu tan-novella "Il-Koranta" huwa l-laqam tal-protagonista.
- Ħadd ma kien jaf x'jisimha imma kulħadd kien jafha b'dan il-laqam.
- Madanakollu nsiru nafu l-isem tagħha proprju, Anjeżi, lejn l-aħħar tan-novella. Ta' min jinnota li l-isem proprju jissemma minn Indrì, wara li tiżżewġu biex jurina li hu ma kienx jistmaha bħall-oħrajn.

Grupp Deċiżi

# L-istorja fil-qosor

L-istorja hija mibnija fuq mara mlaqqma bħala "Il-Koranta" - mara ta' erbgħin sena li kienet għadha ma żżewġitx. Sfortunament din il-mara bl-isem ta' Anjeżi ma kinitx aċċettata fis-soċjetà. Ta' kuljum kienet titlob lil San Ġużepp biex isibilha raġel u b'hekk tkun tista' tiżżewweġ. Kienet mara li tħobb *"tilbes u tindilek daqs kulħadd, u anke iżjed"* iżda xorta waħda ma sabitx raġel. Naraw id-dwejjaq li kienet tgħaddi minnhom din l-msejkna u s-sentimenti tagħha minħabba li n-nies kienu jġennbuha, saħansitra t-tfal tar-raħal kienu jgħadduha biż-żmien mingħajr ħadd ma jwaqqafhom.

**Nevisse Zammit Micallef – Sharon Scerri**

Grupp Deċiżi

# L-istorja fil-qosor

Iżda fl-aħħar il-mara sabet xortiha għaliex hi u Indrì, landier għażeb ta' ħamsin sena li kien jiġi ta' sikwit fil-kantuniera, ħadu grazzja ma' xulxin sakemm iżżewġu.  Fil-ġurnata tat-tieġ tagħha, ir-raħħala għamlu burdell sħiħ tant li minflok iżżewġu fil-knisja kif kien miftiehem, għamlu ċ-ċerimonja *"quddiem artal imwarrab li kien hemm fis-sagristija."* Xħin in-nies raw li għaddiet tagħhom, telqu. Fl-aħħar tan-novella naraw xena kommoventi għaliex inħossu d-dwejjaq ta' Anjeżi meta tistaqsi għaliex kellha tgħaddi minn dan kollu iżda Indrì jserrħilha rasha li minkejja dan kollu huwa jħobbha xorta waħda.

**Nevisse Zammit Micallef – Sharon Scerri**

Grupp Deċiżl

# It-tagħlimiet

Minn din in-novella nistgħu nitgħallmu:

- li għandna naċċettaw lil kulħadd kif inhu;
- m'għandna nagħmlu infern il-ħajja ta' ħadd bis-seksik u t-tagħjir tagħna;
- ma niġġudikawx lil ta' madwarna u nħallu lil kulħadd jgħix ħajtu kif jixtieq hu.

Grupp Deċiżi

Nevisse Zammit Micallef – Sharon Scerri

# Il-Karattri

**Il-Koranta**

- Il-protagonista.
- Il-laqam huwa "Il-Koranta" u l-isem proprju huwa Anjeżi.
- Għandha madwar 40 sena.
- Xebba **mistħija** - *"kienet tistħi, wiċċha jiħmar malajr u jikxifha."*
- **Tal-affari tagħha** - *"mara ta' darha, twajba u ħawtiela kemm tista' tkun ħlejqa umana, iżda weħidha."*

Grupp Deċiżi

Nevisse Zammit Micallef – Sharon Scerri

**… Il-Koranta**

- **Reliġjuża** u kellha fidi kbira – kienet tmur il-quddies ta' kuljum, titlob lil San Ġużepp, tixgħel xemgħa quddiem il-Madonna.
- **Determinata** – minkejja li kellha erbgħin u kienet għadha ma sabitx raġel, *"qalbha ma qatgħathiex".*
- Mara **dħulija** u **twajba** iżżejjed *"Issellem lil min isellmilha, u xi drabi anki lil min ma jħarisx lejn kulħadd."*
- Kellha **stima baxxa tagħha nnifisha** u kienet **rassenjata** għaliex kienet tagħti t-tort lilha nnifisha – *"għall-magħmul m'hemmx kunsill."*

Grupp Deċiżi

**... Il-Koranta**

- Kellha xewqa kbira li ssib raġel u baqgħet taħdem għaliha sakemm sabet lil Indrì.
- Kienet tagħti kas ħafna x'kienu jgħidu n-nies.
- Skont hi, qatt ma għamlet ħsara lil ħadd.
- Imweġġgħa ħafna mis-soċjetà ta' madwarha, infatti spiċċat vittma ta' bbuljar.

Grupp Deċiżi

**Is-soċjetà**

- Soċjetà li **ma tifhimx lil min hu batut**.
- Nies li flok jagħdru lil min hu batut, ikomplu **jagħmlulu ħajtu infern**.
- Soċjetà **inġusta**, **insensittiva** u **kattiva.**
- *"jafha r-raħal kollu imma ma jafha ħadd."* – din il-kwotazzjoni turina li kienu **jiġġudikaw** għaliex hija kienet magħrufa imma ħadd ma kien jaf x'tip ta' persuna hi għaliex kienu biss jgħadduha biż-żmien.

Grupp Deċiżi

## ... Is-soċjetà

- Raħlin li **jwarrbu lil min mhux bħalhom** – *" laqam fost l-aktar msemmijin, u biż-żmien kellu jsir leġġenda, iżda xejn, xejn aktar."*
- Il-ġenituri flimkien mas-surġent bħala persuni **irresponsabbli** għaliex flok isikktu lil uliedhom meta jaqbdu mal-Koranta, *"jifirħu lilhom infushom li kellhom tfal li jafu jimlew it-triq."*
- Soċjetà **seksieka** – nies li jivvintaw il-qlajjiet u b'hekk jagħmlu l-ħajja ta' dak li jkun iktar diffiċli.

Grupp Deċiżi

## Indrì

- Raġel **sempliċi**.
- **Għażeb** ta' madwar 50 sena.
- Kien **landier** - isewwi borom u affarijiet oħra tal-ħadid.
- F'għajnejn is-soċjetà kien jidher **stramb** bħal Anjeżi. Kienu jħarsu lejh darbtejn u jistaqsu *"liema riħ stramb kien tefgħu hemm."*
- Raġel **differenti mill-bqija** u li ma ġġudikax lil Anjeżi tant li bena relazzjoni magħha minkejja l-istigma li kellha.
- Ġuvni li **jaċċetta lil dak li jkun kif inhu**.

Grupp Deċiżi

**Is-sewwieq**

- Wieħed mill-uniċi persuni li jissimpattizza mal-Koranta – *"xtaq jgħinha iżda x'seta' jagħmel?"*

- Kien qed jinkwieta għaliha infatti ssuġġerielha biex ma tidħolx minn quddiem il-folla.

**In-narratur**

- In-narratur jinvolvi lilu nnifsu (narratur mikxuf) lejn nofs l-istorja.

- Jikteb fl-ewwel persuna biex jiddeskrivi kif "Il-Koranta" kienet issib ruħha bħala suġġett ewlieni fid-diskussjonijiet tar-raħlin: *"Dal-kliem ma kienx jingħad fil-widnejn u jien smajtu darba għand Wistin tal-inbid."*

Nevisse Zammit Micallef – Sharon Scerri

Grupp Deċiżi

# L-ambjent

- **Ambjent raħli** – deskrizzjoni ta' xeni tipiċi ta' raħal Malti.
- **Ambjent reliġjuż** – il-knisja hija ċ-ċentru tar-raħal u r-reliġjon kellha influwenza fuq l-ispiritwalità u l-psikoloġija tas-soċjetà.

# Il-folklor

- Jidħol l-aspett folkloristiku għaliex tissemma s-sengħa antika tal-landier li kien jintefa' fit-toroq biex isewwi l-borom u l-oġġetti l-oħra tal-ħadid.

Grupp Deċiżi

# It-Teknika

- **Stil deskrittiv**

Il-kittieb jiddeskrivi diversi affarijiet fosthom kif kienet tidher Anjeżi, l-ambjent fil-knisja, l-istorbju li kienu jagħmlu t-tfal u l-ħerba li kienu jħallu warajhom, il-post fejn kien ikun Indrì, il-karozza u l-knisja armata fil-ġurnata tat-tieġ.

- **Stil narrattiv**

Hawnhekk naraw rakkont ta' storja ta' kemm kellha tbati "Il-Koranta" minħabba r-raħlin.

- **Stil ironiku**

Toħroġ l-ironija waqt li jkun qed jitkellem fuq l-aspett reliġjużi: *"treddin ta' ilsna mimlijin fidi"* / *"tispiċċa trijonfalment bl-awgurju"*

Nevisse Zammit Micallef – Sharon Scerri

Grupp Deċiżi

- **Stil Riflessiv**

Permezz tal-istorja wieħed jirrifletti fuq kif nittrattaw lil ta' madwarna.

- **Kuntrasti**

Matul ir-rumanz naraw diversi kuntrasti:

- Kuntrast bejn Anjeżi u l-oħrajn.
- Kuntrast fil-mod kif Indrì u r-raħħala jitrattaw lil Anjeżi.
- Fil-mod kif inhi armata l-knisja (fejn suppost kellha tiżżewweġ) u s-sagristija (fejn iżżewġet).

- **Klajmaks**

Toħroġ fl-aħħar tan-novella meta "Il-Koranta" ssib lil Indrì u tiżżewġu. Naraw il-mod kif trattawha fil-ġurnata tat-tieġ – il-ġurnata li suppost kellha tkun l-isbaħ waħda ta' ħajjitha.

- **Patos**

Bla ma jrid il-qarrej jinġibed lejn il-protagonista għaliex inħossu d-dwejjaq li għaddejja minnu Anjeżi minħabba r-raħħala u b'hekk jitqanqal fina s-sentiment ta' ħasra u simpatija.

Nevisse Zammit Micallef – Sharon Scerri

Grupp Deċiżi

# IT-TMIEM

GRAZZI TAL-ATTENZJONI